MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 836/2009

Strategic Alliance International Ltd [C-40587]
Vs
Eurolinx Limited [C-40689]

Il-Qorti;

Rat ir-rikors Rikors tas-socjeta' rikorrenti fejn gie premess:

1. Illi s-socjeta' attrici kient forniet, lill-konvenuta Eurolinx Limited, diversi servizzi n-natura ta' liema huma servizzi ta' 'Recruitment' u dan skond skrittura privata datata 25 ta' Lulju 2008 hawnhekk annessa bhala Dok A;

2. Illi s-servizzi msemmija gew debitament rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta, izda s-somma rapprezentanti l-prezz ta' dawn is-servizzi sallum ghadha ma thallsitx mis-socjeta' konvenuta u dan fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€ 25,020.72).

3. Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet maghmula mis-socjeta' attrici permezz ta' e-mails u ittri legali mibghuta lis-socjeta' konvenuta, din ta' l-ahhar baqghet inadempjenti;

4. Illi l-imsemmi ammont jikkostitwixxi dejn li l-konvenuti ghandhom pendenti mas-socjeta' attrici u tali dejn hu cert, likwidu u dovut hekk kif jirrizulta wkoll mill-invoices datati 11/3/2009, 15/4/2009 u 17/6/2009 rispettivament u hawnhekk annessi bhala Dok. A, B, C u D rispettivament;

5. Illi ghalhekk is-socjeta' attrici kellha tiftah din il-kawza sabiex tezigi u tottjeni l-pagament ta' dan l-ammont hawn fuq indikat.

Fuq dawn il-premessi s-socjeta' rikorrenti talbert li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmi (€ 25,020.72) hu dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondi l-imsemmi ammont, flimkien mal-ispejjez tal-prezenti proceduri u l-imghaxijiet lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, konta s-socjeta' konvenuta inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju prezentat fil-11 ta' Awwissu 2009 u bl-imghax skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-invoices sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset milli tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta' attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza;

Peress li t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------